



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.11.2019
COM(2019) 568 final

2012/0006 (NLE)

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni ta' Ftehim tal-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni
Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova,
min-naħa l-oħra**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, ġie nnegożjat mill-Kummissjoni, kif awtorizzat mill-Kunsill f'Ġunju 2011.

Dan il-Ftehim ġie ffirmat fis-26 ta' Ġunju 2012, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni 2012/639/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill¹. Min-naħa tal-UE, kemm l-Unjoni kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma partijiet f'dan il-Ftehim.

Il-proċess ta' ratifika tlesta mill-Istati Membri kollha, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja. Ir-Repubblika tal-Kroazja taderixxi mal-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-5 ta' Diċembru 2011, u l-Protokoll rilevanti dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għal dan il-Ftehim ġie ffirmat fit-22 ta' Lulju 2015².

Bl-għan partikolari li jitqies id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, u wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-Każ C-28/12, din il-proposta timmodifika l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni (f'COM(2012)020 final³), li ġiet adottata fis-27 ta' Jannar 2012 u sussegwentement tressqet quddiem il-Kunsill. Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżami mill-Kunsill, it-test rilevanti kollu qiegħed jiġi ppreżentat bħala proposta emendata.

2. BAŻI ĠURIDIKA

Il-bażi ġuridika għall-proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- Sommarju tal-ftehim propost

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova (2012/639/UE) *ĠU L* 292, 20.10.2012, p. 1–2.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1389 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea *ĠU L* 215, 14.8.2015, p. 1.

³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52012PC0020&from=MT>

Il-Ftehim jikkonsisti mit-test ewlieni, li jinkludi l-prinċipji fundamentali, u erba' Annessi, li huma: l-Anness I dwar is-servizzi miftiehma u r-rotot speċifikati; l-Anness II dwar id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali, l-Anness III dwar ir-regoli applikabbli għall-avjazzjoni ċivili, u l-Anness IV b'lista ta' Stati oħra msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u fl-Anness I.

Proposta emendata għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim tal-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁴,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova ġie ffirmat fis-26 ta' Ġunju 2012, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, f'konformità mad-Deċiżjoni 2012/639/UE tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova⁵.
- (2) Il-Ftehim ġie ratifikat mill-Istati Membri kollha, minbarra r-Repubblika tal-Kroazja. Ir-Repubblika tal-Kroazja taderixxi mal-Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta' Adeżjoni tal-5 ta' Diċembru 2011 u l-Protokoll rilevanti dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja għal dan il-Ftehim ġie ffirmat fit-22 ta' Lulju 2015⁶.
- (3) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (4) L-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni 2012/639/UE jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-teħid ta' deċiżjonijiet u dwar ir-rappreżentazzjoni fir-rigward ta' diversi kwistjonijiet stipulati fil-Ftehim. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-28 ta' April 2015 fil-Każ C-28/12, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet titwaqqaf. Wara li ġew ikkunsidrati t-Trattati, mhumie x meħtieġa dispożizzjonijiet ġodda dwar dawk il-kwistjonijiet, u lanqas ma huma meħtieġa dispożizzjonijiet dwar l-obbligi tal-informazzjoni tal-Istati Membri, li tinsab fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni.

⁴ L-approvazzjoni [data] (għadha ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2012 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim dwar Spazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova (2012/639/UE) *ĠU L* 292, 20.10.2012, p. 1–2.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1389 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Moldova, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea *ĠU L* 2015_215_R_0001

Konsegwentement, jenħtieġ li l-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Deċiżjoni 2012/639/UE jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni⁷.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni dwar id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar is-sempliċi inklużjoni ta' leġislazzjoni tal-Unjoni fl-Anness III (ir-Regoli applikabbli għall-avjazzjoni ċivili) tal-Ftehim, soġġett għal kwalunkwe aġġustament tekniku meħtieġ, għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni, wara konsultazzjoni ma' Kumitat Speċjali maħtur mill-Kunsill.

Artikolu 3

L-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Deċiżjoni 2012/639/UE għandhom jieqfu japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

[...]

⁷

Il-Ftehim ġie ppubblikat fil-ĠU L 292, 20.10.2012, p. 3, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.